MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2008

Numru. 301/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Fernando Sammut ta' 26 sena, iben Lawrence u Magret nee` Fidal, imwieled Pieta`, fis-27 ta' Frar 1980 u li joqghod f' 'Brega Flats', Triq il-Merzuq, Qajjenza, Birzebbuga. Detentur tal-Karta ta' l-Identita` bin-numru 134180M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fernando Sammut u cioe` talli:

1. f’Novembru 2006 ikkommetta serq ta’ Quickcash tal-HSBC, ghad-detriment ta’ Jane Kayleigh Busuttil detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 267597M.

2. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intarprizi foloz, jew ta’ hila, setgha ta’ haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm50 imma anqas minn Lm100 bi hsara ta’ Jane Kayleigh Busuttil detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 267597(M).

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat liema ammissjoni giet irriaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni mghamula mill-imputat illum seduta stante l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tieghu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali netta tieghu u l-fatt illi huwa iddispjacieh ghal dak illi ghamel u lest li jirrifondi l-flus mehuda indebitament lill-parte leza.

Ghaladaqstant il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 308, 309, 310(1) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat Fernando Sammut hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti

qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda wkoll tordna lill-hati sabiex ihallas lill-parte leza Jane Kayleigh Busuttil is-somma ta' mitejn u disa' euro u erba' u sittin euro centezmi (€209.64) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------